Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2016

**Gloria Pisani (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

21 ta' Frar, 2017.

1. B'decizjoni tal-31 ta' Dicembru, 2015 l-Arbitru hassar id-decizjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali tas-17 ta' Settembru, 2014 li biha kien gharraf lill-appellata li m'ghadhiex iktar intitolata ghall-ghajnuna socjali ghaliex *"Id-Direttur mhux sodisfatt li l-kapital ma jeccedix l-iskala stabbilita"*.

2. L-appellant appella u jilmenta li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti. Hu jsostni li:

   (a) l-appellata fl-ebda mument ma nfurmat lid-Dipartiment bil-flus li wirtet (artikolu 97 tal-Kap.318).

   (b) skont is-Sitt Taqsima tat-Tieni Skeda, meta l-flus fil-bank u fl-idejn ikunu flimkien jaqbzu €14,000 fil-kaz ta' familja li tikkonsisti f'membru wiehed biss jew f'ghadd ta' membri li l-kap taghhom ikun persuna mhux mizzewga jew genitur singlu, il-persuna ma tibqax titqies bhala intitolata ghall-ghajnuna socjali. Iddikjara wkoll li qed jacceta li l-ammont li effettivament kienet irceviet l-appellata kien ta' €91,162.51. Zied:

   *"15. Illi skont in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellata, irrizulta li ammont minn dawn il-flus gew uzati sabiex tinxtara dar (is-somma ta' €22,000 mal-konvenju), is-somma ta' €28,000 giet uzata sabiex isir xoghol fl-appartament li kien shell, flimkien ma' xiri ta' ghamara; u kien hemm diversi spejjez ohra (€4,000; €2,700; €2,700 €3,000; €1,800; €3,240; €6,000; €3,000) li b'kollox kienu jammontaw ghas-somma ta' €76,440. Kwindi jekk wiehed inaqqas l-ammont ta' €76,440 mill-ammont ricevut mill-appellata u cjoe' dak ta' €91,162.51, l-ammont rimanenti, jigifieri €14,722.51, jeccedi l-€14,000 stabbiliti mil-ligi*

   *16. Illi kien ghalhekk li d-Direttur wasal ghad-decizjoni tieghu, sabiex ikun konformi mal-ligi"*.

3. Fit-30 ta' Jannar, 2017 din il-qorti diga' tat sentenza bejn l-istess partijiet dwar *overpayment* li l-appellant qal li kien hallas lill-appellata, u li talab lura. F'dawk il-proceduri l-aggravji kienu identici ghal dawk tal-appell in ezami. L-

appellata pprezentat twegiba fejn semmiet ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Waqt is-seduta tal-lum id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li peress li l-kwistjoni f'dan l-appell hu identiku ghal dak deciz fit-30 ta' Jannar 2017, ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti.

**Konsiderazzjoni**.

5. B'riferenza ghall-ewwel aggravju, id-decizjoni tal-appellant ma kinitx bazata fuq il-fatt li l-appellata ma tatx taghrif lid-Dipartiment izda minhabba l-fatt li l-appellant ma kienx sodisfatt li l-kapital ma jeccedix il-massimu ta' €14,000 (ara per ezempju minuta 159, kif ukoll risposta li pprezenta l-appellant fil-proceduri li saru quddiem l-Arbitru[1]). Quddiem l-Arbitru l-appellant qatt ma ddikjara li d-decizjoni tat-30 ta' Settembru 2014 kien bazata fuq il-fatt li l-appellata naqset milli taghti t-taghrif lid-Dipartiment skont l-artikolu 97 tal-Kap.318. Il-process li sar quddiem l-Arbitru kien jikkonsisti fi stharrig tad-decizjoni tal-appellant. M'ghandux ikun li fl-istadju tal-appell, id-direttur Generali tas-Sigurta Socjali jimmotiva d-decizjoni tieghu b'ragunijiet differenti minn dawk li fuqha tkun bazata d-decizjoni li tkun giet appellata quddiem l-Arbitru.

6. B'riferenza ghat-tieni aggravju, jirrizulta li l-appellata ma rcevitx is-somma ta' €91,162.15 f'daqqa. Fl-istadju tal-appell l-appellant accetta li l-appellata kienet irceviet din is-somma u mhux €131,425.19, kif kien qieghed isostni fil-kors tal-proceduri quddiem l-Arbitru. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

*"Illi l-appellanta pprezentat dokument li jindikaw kif intefqu l-flejjes illi hija wirtet minghand il-genituri taghha flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri taghha;*

*Illi mid-dokumenti pprezentati mill-appellanta jirrizulta illi hafna mill-flejjes intefqu sabiex hi u l-familja taghha jkollhom saqaf fuq rashom;*

*Illi jirrizulta wkoll mid-dokumenti surriferiti illi l-appellanta ghamlet minn kollox sabiex timminimizza l-ispiza tal-kera;*

*Illi dawn huma provi konkreti li jistghu jifformaw bazi ta' decizjoni u mhux asserzjonijiet maghmula mill-appellanta minghajr ebda prova;*

*Illi, bir-rispett kollu dovut lejn id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali, l-argument tieghu illi l-appellanta cahdet lilha nnifisha minn mezzi meta hija u l-werrieta l-ohra dahlu lil haddiehor fit-tqassim tal-wirt u konsegwenza ta' dan is-sehem tal-appellanta minn tali wirt naqas, ma jregix u dan ghar-raguni illi l-persuni li dahlu fit-tqassim tal-wirt l-appellanta u l-werrieta l-ohra kienu persuni li kellhom dritt skont il-Ligi ghall-porzjoni rizervata u ghaldaqstant il-werrieta b'dan l-agir imminimizzaw spejjez zejda ta' proceduri legali u gudizzjarji futuri;*

*Illi l-Arbitru, wara li sema' l-appellanta u kif ukoll ha konjizzjoni tad-dokumenti ezibiti mill-appellanta, huwa tal-fehma illi l-Benefit Fraud Investigation Department ma rnexxilhomx*

---

[1] Fit-twegiba l-appellant iddikjara: *"Illi din l-Ghajnuna Socjali kienet giet lilha mwaqqfa ghar-raguni fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjonijiet, id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-kapital ma jeccedix l-iskala stabbilita".*

*jippruvaw il-kaz taghhom ghas-sodisfazzjon tal-ligi sabiex l-ghajnuna socjali li kienet qieghda tigi moghtija lill-appellanta tigi mwaqqfa;*

*Illi l-Arbitru mhuwiex konvint illi l-appellanta ghandha jew qatt kellha mezzi li jeccedu l-massimu ta' rizorsi kapitali stabbilit mil-Ligi".*

Kif qalet l-appellata fit-twegiba (fol. 9), hu evidenti li l-ilment tal-appellant hu bazat fuq it-tezi li kien hemm perjodu meta l-appellanti kellha fil-pussess taghha kapital fl-ammont ta' €14,722.51, cjoe' diskrepanza ta' **€722.51** iktar mill-kapital massimu li tippermetti l-ligi (ara paragrafu 15 tar-rikors tal-appell). Jekk hu hekk, fil-fehma tal-qorti din is-somma hi irrizorja meta tqies li l-appellata ghandha l-kura ta' tlett itfal (ara paragrafu 33 tan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat quddiem l-Arbitru). Kif l-appellant accetta l-ispejjez li l-appellata qalet li kellha, m'hemmx raguni ghalfejn ma jaccettax ukoll dak li nghad f'paragrafu 33 tan-nota ta' sottomissjonijiet. Fuq bazi ta' probabilta' l-appellata, meqjus li trabbi tlett itfal u zewgha kien ghamel xhur bla xoghol, kiene nefqet dik is-somma ghall-ghajxien tal-familja. Pero' f'kull kaz hu evidenti wkoll li fl-ispejjez li l-appellant semma f'paragrafu 15 tar-rikors tal-appell, naqas milli jsemmi s-somma ta' €5,400[2] li wkoll kienu spejjez u li l-appellata semmiet fl-istess nota (ara paragrafu 23)[3]. Meta tinkludi dik ic-cifra fl-ispejjez, il-bilanc tal-kapital li jibqa' hu nqas minn €14,000.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[2] Kera li l-appellata qalet li kellha thallas bil-quddiem.

[3] Ara wkoll konteggi mehmuza mas-sottomissjonijiet tal-appellant tat-8 ta' Lulju 2015, fejn din ic-cifra thalliet barra minghajr ma nghatat raguni ghalfejn.